# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## ROBERT G. MANGION

## SEDUTA TAL-24 TA' FRAR, 2022

**Kawża Numru: 9**

**Rik. Ġur. 229/2021 RGM**

**Mary Rose Worley (I.D. 88951 (M)**
**f'isimha proprju u ghan-nom u fl-interess**
**ta' Katrina Houghtan (I.D. 0071608 (L))**

**vs.**

**Monica Spiteri**

**Il-Qorti:**

Rat ir-**rikors ġuramentat ta' Mary Rose Worley** ippreżentat fit-12 ta' Marzu, 2021 li permezz tiegħu ppremettiet u talbet is-segwenti:

**A. Il-Fatti:**

1. Illi l-kontendenti huma ahwa wlied il-mejtin Dolores Spiteri u Arthur Spiteri, filwaqt illi r-rikorrenti Katrina Houghton hija n-neputija taghhom.

2. Illi Dolores Spiteri mietet nhar t-3 ta' Dicembru 2019 u allegatament halliet testment sigriet datat 17 ta' Awissu 2016, li eventwalment gie publikat nhar l-31 ta' Lulju 2020 min Nutar Dr. Carmel Gafa'.

3. Illi d-defunta Dolores Spiteri kellha mard mentali degenerattiv serju, tant illi gie eventwalment interdetta xaharejn biss wara li allegatament ghamlet dan ahhar testment taghha.

4. Illi d-defunta Dolores Spiteri ma kelliex il-fakultajiet mentali sabiex taghmel dan l-allegat ahhar testment sigriet taghha tas-17 ta' Awissu 2016.

5. Illi noltre' l-firma tal-allegat testatrici fuq l-allegat testment taghha datat 17 ta' Awissu 2016 ma hiex il-firma awtentika tat-testatrici w dana kif ser jkun pruvat ahjar bi provi xjentifici fuq l-firem u kaligrafija fil-mora u t-trattazzjoni tal-kawza.

6. Illi ghalhekk konsegwentament l-allegat testment sigriet ta' Dolores Spiteri huwa wiehed null u bla effett u dana mhux biss ghaliex fil-mument li allegat gie maghmul hija ma kellhiex l-fakultaijiet mentali rikjesti mill-ligi sabiex taghmel dak it-testment izda ukoll ghaliex huwa evidenti li l-firma li hemm fuq t-testment imsemmi ma hiex wahda awtentika tal-imsemmija Dolores Spiteri u dana ghaliex qatt ma giet maghmula liberalment minnha.

7. Illi l-kontendenti huma eredi tal-mejta Dolores Spiter, salv il-legati w d-dikjarazzjonijiet hemm maghmula w imhollija.

8. Illi l-esponenti qieghdin jikkontestaw dan l-imsemmi Testment Sigriet ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija, filwaqt illi l-intimata qieghda ssostni li dan it-testment ghandu jkun infurzat.

9. Illi r-rikorrenti Mary Rose Worley tiddikjara li hija taf b' dawn il-fatti personalment.

**B. Raguni ghat-Talbiet f' dawn il-proceduri**

10. Illi l-prezenti proceduri qeghdin isiru sabiex it-testment sigriet tad-defunta Dolores Spiteri data 17 ta' Awissu 2016 jkun dikjarat null u bla effett stante li l-istess defunta Dolores Spiteri ma kellhiex il-fakultaijiet mentali sabiex taghmel dan it-testment minhabba degenerazzjoni mentali sivera, u oltre' l-fatt li l-firma li hemm fuq it-testment ma gietx maghmula liberalment u ndipendentament minn Dolores Spiteri w ghalhekk dan it-testment huwa null u bla effett.

**C. Talbiet Attrici**

Ghaldaqstant ir-rikorrenti in vista' ta' dak kollu fuq premess, jitolbu li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:-

1. Tiddikjara li l-firma maghmula fuq it-testment sigriet tad-defunta Dolores Spiteri tas-17 ta' Awissu 2016, ma hiex wahda awtentika tal-persuna li ghamlet l-imsemmi testment.

2. Tiddikjara ukoll illi dak inhar illi allegatament ghamlet it-testment sigriet taghha hawn fuq imsemmi, Dolores Spiteri kienet inkapaci li taghmel dak it-testment minhabba l-istat mentali degenerattiv serju w avvanzat taghha, minhabba l-mard li kellha f' dak iz-zmien.

3. Tiddikjara ukoll illi d-defunta Dolores Spiteri ma kellhiex il-fakultaijiet mentali sabiex taghmel testament dakinhar tas-17 ta' Awissu 2016.

4. Tiddikjara konsegwentament illi l-allegat testment sigriet tad-defunta Dolores Spiteri datat 17 ta' Awissu 2016 huwa null u bla effett.

5. Taghti dawk l-provedimenti kollha opportuni li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha taghti fic-cirkostanzi.

Bl-ispejjez, kontra l-intimata li tibqa minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat ir-**risposta ġuramentata ta' Monica Spiteri** ippreżentata fis-26 ta' Mejju, 2021, fejn jingħad kif ġej:

1) Illi, preliminarjament in-nullita` tar-rikors guramentat billi hemm kumulu ta' azzjonijiet kunfliggenti ghal xulxin ghax filwaqt illi l-atturi qeghdin jippremettu u jitolbu dikjarazzjoni illli l-firma fuq it-testment sigriet tas-17 ta' Awissu 2016 maghmula mid-defunta Dolores Spiteri ma hijiex il-firma tat-testatrici Dolores Spiteri fl-istess nifs qeghdin jippremettu u jitolbu dikjarazzjoni illi t-testment in kwistjoni huwa fil-fatt tat-testatrici izda li hija ma kellhiex il-fakultajiet mentali sabiex taghmel dan it-testment. Apparti minn hekk, filwaqt illi fil-hames premessa tar-rikors guramentat u fl-ewwel talba attrici l-atturi qeghdin jghidu illli l-firma fuq it-testment mertu tal-kawza ma hijiex il-firma tat-testatrici, fir-raguni tat-talba qeghdin jghidu li t-testment huwa null ghaliex il-firma ma saritx liberament mit-testatrici Dolores Spiteri, premessa kontradittorja ghal kollox mal-premessa li l-firma fuq it-testment ma hijiex tat-testatrici.

2) Illi, ukoll in linea preliminari, l-attrici Mary Rose Worley trid iggib prova tal-awtorizazzjoni li kellha biex tiftah dina l-kawza ghan-nom u fl-interess ta' l-assenti Katrina Houghton, u fl-assenza ta' tali awtorizzazzjoni n-nullita` tar-rikors guramentat.

3) Illi, subordintament u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda billi l-atturi diga rrikonoxxew l-ahhar testment tad-defunta Dolores Spiteri li permezz tieghu halliet lill-kontendenti bhala eredi universali taghha f'ishma ndaqs bejniethom, ossia fil-kwota ta' terza parti (1/3) indiviza kull wahda minnhom salv prelegat fis-somma ta' sebghin elf Euro (EUR 70,000) lill-konvenuta Monica Spiteri u lill-attrici Katrina Houghton sabiex tigi ekwiparata ma' somma approssimattiva li l-konvenuta Mary Rose Worley kienet hadet ghaliha mill-flejjes tat-testatrici, u salv li l-attrici Mary Rose Worley mhiz ezentata mill-kollazzjoni.

4) Illi, subordintament u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti, l-ewwel talba attrici illi l-firma fuq it-testment sigriet tas-17 ta' Awissu 2016 maghmula mid-defunta Dolores Spiteri ma hijiex firma awtentitika tat-testatrici Dolores Spiteri, u-talba konsegwenti ghaliha illi t-testment huwa null u bla effett, huma infondati fil-fatt u fid-dritt billi l-firma fuq it-testment sigriet mertu tal-kawza hija l-firma tad-defunta Dolores Spiteri.

5) Illi, dejjem subordintament u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet preliminari, it-tieni u t-tielet talbiet attrici illi t-testatrici Dolores Spiteri ma kinitx kapaci taghmel it-testment sigriet u li ma kellhiex il-fakultajiet mentali sabiex taghmel it-testment dakinhar tas-17 ta' Awwissu 2016, u-talba konsegwenti ghalihom illi t-testment huwa null u bla effett, huma infondati fil-fatt u fid-dritt billi t-testatrici Dolores Spiteri kellha kapacita` taghmel it-testment in kwistjoni li permezz tieghu xtaqet thalli lil uliedha u lit-tifla ta' bintha l-mejta Simone Houghton (li mietet qabel it-testatrici) f'sitwazzjoni ta' ugwaljanza biex kulhadd jiehu l-istess u ma jkunx hemm glied.

6) Illi fil-fatt ir-raguni vera ghalfejn giet promossa dina l-kawza hija ghaliex l-attrici Mary Rose Worley qed tokkupa l-*groundfloor maisonette* tat-testatrici bin-numru dsatax (19) u bl-isem "Arlette" fi

Triq Frans Dingli, H'Attard, inkluz il-garaxx u l-gnien, abbuzivament u illegalment billi baqghet fl-okkupazzjoni tal-fond wara li skadiet il-kirja maghmula mill-kuratrici Dr. Phyllis Aquilina, u dina l-kawza nfethet b'reazzjoni ghall-interpellazzjoni maghmula mill-konvenuta lill-attrici sabiex tizgumbra mill-fond tat-testatrici sabiex tkun tista' ssir il-qasma skond l-ahhar testment tat-testatrici, u b'hekk l-attrici qed tipprova tipprolonga l-okkupazzjoni taghha tal-fond. Apparti minn hekk l-attrici Mary Rose Worley lanqas ma tridx taghmel restituzzjoni fil-massa ereditarja *ai fini* tal-kollazzjoni tal-flejjes kollha li hadet u/jew approprijat ghaliha matul hajjet it-testatrici, kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

7) Illi ghandu jigi pprecizat ukoll illi dak premess fit-tielet premessa tar-rikors guramentat mhux korrett billi t-testatrici ma gietx interdetta xahrejn wara t-testment mertu tal-kawza tas-17 ta' Awwissu 2016 izda fit-18 ta' April 2017 permezz ta' digriet moghti mill-Onorabbli Qorti Civili (Gurisdizzjoni Volontarja) fl-atti tar-Rikors Numru 1162/2016 liema rikors gie pprezentat mill-esponenti stess wara li saret taf illi l-attrici Mary Rose Worley kienet approprijat ghaliha abbuzivament eluf ta' Euro tat-testatrici Dolores Spiteri kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza. Ghalkemm Dolores Spiteri kienet qed issir vulnerabli u l-esponenti hasset li kien fl-interess taghha li tigi interdetta, fiz-zmien meta ghamlet it-testment it-testatrici Dolores Spiteri kellha l-kapacita` li taghmel testment u kienet proprju t-testatrici li xtaqet taghmel dan it-testment ghax riedet tassigura l-ugwaljanza bejn uliedha u xtaqet li ma jkunx hemm glied wara mewtha kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza. F'dan ir-rigward huwa ben rispaut li biex wieħed jagħmel testment ma hemmx bżonn *"una mente perfettamente e rigorosamente sana"* imma uzu tar-raguni bizzejjed biex tkun taf x'qeghda taghmel, kif fil-fatt kellha t-testatrici fiz-zmien meta ghamlet it-testment kif anki jirrizulta mid-disposizzjonijiet testamentarji tat-testment taghha u kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza. Ghandu jinghad ukoll li qabel ma giet ipprezentata dina l-kawza lanqas l-atturi qatt ma qalu li

t-testatrici ma kellhiex kapacita` testamentarja, anzi l-attrici Mary Rose Worley qablet li jinqasam il-wirt skond it-testment tas-17 ta' Awwissu 2016 kemm il-darba jirrizulta illi l-firma fuq it-testment sigriet hija tat-testatrici kif jirrizulta mill-ittra legali tas-17 ta' Settembru 2020 hawn annessa u mmarkata bhala **Dok. M1.**

8) Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda minn dina l-Onorabbli Qorti bl-ispejjes kontra l-atturi
Salvi eccezzjonijiet ulterjuri li jistghu jitressqu skond il-ligi.

Rat l-atti tal-kawża;

Rat illi b'digriet tat-3 ta' Ġunju 2021, il-Qorti ordnat li l-ewwel għandu jiġi trattat u deċiż l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta;

Rat illi l-partijiet ma kellhomx provi xi jressqu fuq l-imsemmija eċċezzjoni;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza limitatament dwar l-ewwel eċċezzjoni.

Ikkunsidrat;

L-attriċi Mary Rose Worley u l-konvenuta Monica Spiteri huma ulied id-defunti Dolores u Arthur Spiteri filwaqt li Katrina Houghtan hija n-neputija tagħhom. Fit-3 ta' Diċembru 2019 mietet Dolores Spiteri li kienet irregolat il-wirt tagħha b'testment sigriet fl-atti tan-Nutar Dr. Angela Bezzina datat 17 t'Awwissu 2016 li ġie ppubblikat min-Nutar Dr. Carmel Gafa fil-31 ta' Lulju 2020.

Bl-azzjoni odjerna l-atturi qegħdin jitolbu li l-imsemmi testment sigriet huwa null peress li Dolores Spiteri ma kellhiex il-fakultajiet

mentali sabiex tagħmel dak it-testment minħabba deġenerazzjoni mentali u wkoll għaliex il-firma li hemm fuq it-testment m'hijex awtentika u ma ġietx magħmula liberalment minnha. Il-konvenuta fil-mertu tinnega li dan huwa l-każ u tinsisti li t-testment sigriet ġie ffirmat mid-defunta Dolores Spiteri.

Permezz ta' din is-sentenza l-Qorti ser tiddeċiedi l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta.

**L-ewwel eċċezzjoni** tal-konvenuta Monica taqra hekk:

> "Illi, preliminarjament in-nullita` tar-rikors guramentat billi hemm kumulu ta' azzjonijiet kunfliggenti ghal xulxin ghax filwaqt illi l-atturi qeghdin jippremettu u jitolbu dikjarazzjoni illli l-firma fuq it-testment sigriet tas-17 ta' Awissu 2016 maghmula mid-defunta Dolores Spiteri ma hijiex il-firma tat-testatrici Dolores Spiteri fl-istess nifs qeghdin jippremettu u jitolbu dikjarazzjoni illi t-testment in kwistjoni huwa fil-fatt tat-testatrici izda li hija ma kellhiex il-fakultajiet mentali sabiex taghmel dan it-testment. Apparti minn hekk, filwaqt illi fil-hames premessa tar-rikors guramentat u fl-ewwel talba attrici l-atturi qeghdin jghidu illli l-firma fuq it-testment mertu tal-kawza ma hijiex il-firma tat-testatrici, fir-raguni tat-talba qeghdin jghidu li t-testment huwa null ghaliex il-firma ma saritx liberament mit-testatrici Dolores Spiteri, premessa kontradittorja ghal kollox mal-premessa li l-firma fuq it-testment ma hijiex tat-testatrici."

Din l-eċċezzjoni hija maqsuma fi tnejn u ċioe fl-ewwel parti qiegħed jingħad li hemm kontradizzjoni bejn l-ewwel u t-tieni talba għaliex bl-ewwel talba l-atturi "qegħdin jgħidu li l-firma mhix ta' Dolores Spiteri [...] imbagħghad fl-istess nifs qegħdin jgħidu isma t-testment tagħha imma kellha nkapaċita mentali."[1] Fit-tieni parti ta' din l-eċċezzjoni,

[1] Paġna 30 tal-proċess.

il-konvenuta teċepixxi li "f'nifs wieħed qed jgħid li l-firma mhux tagħha imbagħad insibu presmessa oħra fejn għad-dirittura qed jgħid illi l-firma ma saritx liberalment mit-testattriċi fejn qisu qed jimplika li xi ħadd qabdilha jdejha u l-biro u ffirma għaliha."[2]

L-allegat kontradittorjetà għalhekk tista' tinqasam fis-segwenti tlett xenarji:

a. Firma m'hijiex waħda awtentika (m'hijiex firma magħmula mit-testatriċi),
b. In-nuqqas ta' kapaċita mentali tat-testatriċi, u
c. Il-firma ma ġietx magħmula liberlament u indipendentament mit-testatriċi (kienet imġiegħla).

It-talbiet magħmula mill-atturi huma s-segwenti:

1. "Tiddikjara li **l-firma** maghmula fuq it-testment sigriet tad-defunta Dolores Spiteri tas-17 t'Awwissu 2016, **ma hiex waħda awtentika** tal-persuna li għamlet l-imsemmi testment;
2. Tiddikjara ukoll illi **dak inhar illi** allegatament **għamlet it-testment** sigriet tagħha hawn fuq imsemmi, Dolores Spiteri **kienet inkapaċi** li tagħmel dak it-testment minħabba l-istat mentali [...];
3. Tiddikjara ukoll illi d-defunta Dolores Spiteri **ma kellhiex il-fakultajiet mentali** [...];"[3]

Fit-trattazzjoni l-legali tal-atturi jispjega li bl-ewwel talba huwa qiegħed jgħid li l-firma m'għamlitix it-testatriċi iżda għamilha ħaddieħor u t-tieni talba hija kumplimentarja għaliha fis-sens illi hija ma kelliex il-kapaċita mentali li tiffirma.

[2] Paġna 31 tal-proċess.
[3] Enfażi miżjud.

Ikkunsidrat;

Bl-ewwel eċċezzjoni tagħha, il-konvenuta qiegħda teċċepixxi n-nullità tal-azzjoni.

Eċċezzjoni ta' nullità ta' att ġudizzjarju hija proponibbli biss jekk jikkonkorru r-rekwiżiti stabbiliti fl-**Artikolu 789 tal-Kapitolu 12**.

Kif ingħad minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza **Bernardette Gatt et vs Alessandro sive Sandro Cassano** (Rik Ġur 111/2012) mogħtija fil-31 t'Ottubru 2013 u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fid-29 ta' Mejju 2015:

> "Il-principji li jirregolaw l-applikazzjoni ta' dan il-provvediment gew konsistentement applikati minn dawn il-Qrati u essenzjalment jinkludu s-segwenti:
> • Il-kazijiet fejn tista' tirnexxi l-eccezzjoni huma tassattivament dawk elenkati fil-fuq citat artikolu tal-Kap. 12.
> • Citazzjoni ghandu jkun fiha tifsir car u sewwa tal-oggett u r-raguni tat-talba.
> • Citazzjoni ma tigix skartata ghajr ghal ragunijiet gravi.
> • Fejn ma hemmx kontradizzjoni ghall-ahhar bejn premessi u talbiet jew bejn it-talbiet innifishom, il-Qorti trid tqis b'cirkospezzjoni l-eccezzjoni, il-kwalifika fil-kuntest ghandha tkun il-kjarezza tal-intenzjoni.
> • L-oggett tal-kawza u r-raguni jridu jkunu mfissra cara.
> • Premessi guridikament distinti u talbiet kontradittorji jwasslu ghan-nullita' tac-citazzjoni."

Il-konvenuta fit-trattazzjoni spjegat li l-konflitt li hemm bejn il-premessa u l-ewwel talba iġib magħha nullità taħt l-**Artikolu 789 (1) (d)**, liema artikolu jipprovdi hekk:

> "L-eċċezzjoni ta' nullità tal-atti ġudizzjarji tista' tingħata -

(d) jekk l-att ikun nieqes minn xi partikolarità essenzjali espressament meħtieġa mil-liġi"

Rigwardanti dan l-artikolu ġie kkunsidrat fis-sentenza **Amarcord Limited vs. Rita Schembri et** (Rik Gur 498/2014 JRM) deċiża mill-Qorti Ċivili Prim'Awla fit-23 ta' Jannar 2010 li:

"id-distinzjoni bejn nullità mtellgħa taħt il-paragrafu (ċ) u dik taħt il-paragrafu (d) tas-sub-artikolu (1) tal-artikolu 789, tikkonsisti fil-fatt li, f'tat-tieni, l-att ġudizzjarju jkun milqut minn nuqqas ta' partikolarità essenzjali meħtieġa mil-liġi, u mhux "sempliċi" ksur tal-forma preskritta [Ara, per eżempju, P.A. C.S.:**4.11.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Galea vs Pawlu Cuschieri*** (mhix pubblikata)]. Huwa xieraq li jissemma li l-liġi titkellem dwar "partikolarità essenzjali" u mhux partikolarità kwalsijasi. Biex partikolarità f'att ġudizzjarju titqies bħala "essenzjali" jeħtieġ li jintwera li n-nuqqas tagħha f'dak l-att ixekkel serjament u irrimedjabbilment xi wieħed jew aktar mill-għanijiet leġittimi tar-regoli proċedurali li l-kawżi jimxu b'ħeffa, effiċjenza, ekonomija u ħarsien tal-jeddijiet u tad-difiża u tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali [P.A. GCD **31.10.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Diane Vella et vs Medserv Operations Limited***];

Illi, f'waħda mis-sentenzi li qieset kwestjoni bħal din taħt eżami jingħad hekk: *". . . ma hemmx kwestjoni li dottrinarjament huwa importanti li jiġu, għall-finijiet ta' l-oġġett tat-talba u tad-dritt li jiddeterminaha, eżaminati attentament il-fattijiet li jkunu taw lok għall-ġudizzju, u dawn il-fattijiet ma jistgħux ma jkunux a konjizzjoni tal-kontendenti; jekk minn dawn il-fattijiet jitnissel aktar minn dritt wieħed sabiex id-domanda tkun imressqa 'l quddiem f'ġudizzju, ma hemm xejn fil-liġi li l-attur li jippromwoviha ma jkunx jista' jiddeduċihom jekk jittendi li huma ntiżi għall-otteniment ta' l-oġġett propost, salv li l-istess ma humiex inkonċiljabbli. Dina r-redazzjoni ta' l-att taċ-ċitazzjoni*

> *ma tirrendix dak l-istess att għall-kawżalijiet tiegħu mhux ċar, iżda se mai turi in forza ta' liema drittijiet ("jus petendi") l-attur ikun qiegħed jippromwovi l-azzjoni. Apparti dana, ebda preġudizzju ma jitnissel lill-konvenut minn dana l-aġir ġuridiku, il-għaliex huwa jkun jista' jirripudja l-azzjoni attriċi għad-drittijiet kollha radikati fl-att promotorju tal-kawża. . . "* [App. Ċiv. **14.11.1949** fil-kawża fl-ismijiet ***Borġ noe vs Vincenti*** (Kollez.Vol: XXXIII.i.535, a fol. 538)];
>
> Illi jidher li hija ħaġa iebsa li tgħid b'regola minn qabel liema huma dawk l-azzjonijiet multipli li ma joqogħdux flimkien: il-kejl xieraq hu li l-kwestjoni titqies minn każ għal każ;
>
> Illi ma hemm l-ebda dubju li, minkejja x-xejriet x'aktarx prattiċi u utilitarji li l-qrati jidher li jieħdu biex, kemm jista' jkun, kawża tkun salvata u azzjoni titqies fil-merti sewwa tagħha, jibqa' dejjem il-fatt li l-liġi għadha tagħraf li xi azzjonijiet ma jistgħux joqogħdu flimkien. Il-parti attriċi ma jindaħlilha ħadd fl-għażla tagħha liema azzjoni trid tmexxi 'l quddiem, iżda hemm għażliet li ma jħallux lil dik il-parti titfa' kollox f'qoffa waħda bit-tama li xi ħaġa tajba toħroġ minnha."

**Il-proviso tal-Artikolu 789** jipprovdi:

> "Iżda dik l-eċċezzjoni ta' nullità kif maħsuba fil-paragrafi (a), (ċ), u (d) ma tkunx tista' tingħata jekk dak in-nuqqas jew vjolazzjoni jkunu jistgħu jissewwew taħt kull dispożizzjoni oħra tal-liġi"

Id-dispożizzjoni li dan l-artikolu qiegħed jagħmel referenza għaliha huwa propjru l-Artikolu 175 tal-Kapitolu 12.

Il-konvenuta fit-trattazzjoni tissottometti li dan l-artikolu mhux applikabbli għaliex jekk issir korrezzjoni fil-premessi jkun qiegħed jinbidel is-sustanza tal-azzjoni. Dan m'huwiex il-mertu ta' din is-

sentenza u għalhekk m'hijiex sejra tqis jekk għandhiex issir korrezzjoni iżda għandha primarjament tikkunsidra jekk hemmx nullità minħabba talbiet u premessi konfliġġenti kif qed teċċepixxi l-konvenuta.

Eċċezzjoni simili għal dik in eżami ingħatat fil-kawża fl-ismijiet **Anthony Scerri pro et noe vs. Richard Gauci** (Cit Nru 55/2002 JRM) deċiża mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla fit-28 ta' Novembru 2002 fejn it-talbiet kienu jaqraw hekk:

> "1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi t-testment tat-23 t'Awissu 2001 magħmul minn Anthony Nicholas Borg fl-atti tan-Nutar Antoine Agius huwa null minħabba li l-firma fuqu tat-testatur hija falża;
>
> 2. Tiddikjara u tiddeċiedi illi t-testment imsemmi huwa null u ta' ebda effett legali minħabba nuqqas u/jew vizzju tal-volonta' tal-istess testatur;"

Inghad hekk f'dik is-sentenza dwar l-eċċezzjoni tan-nullita':-

> "Illi ngħad ukoll li fejn ma jkunx hemm kontradizzjoni għall-aħħar bejn il-premessi u t-talbiet jew bejn it-talbiet innifishom, il-Qrati għandhom iqisu b'ċirkospezzjoni eċċezzjoni ta' nullita' ta' att ġudizzjarju. Biex att ta' ċitazzjoni jgħaddi mill-prova tal-validita' huwa biżżejjed li t-talba tkun imfassla b'mod tali li l-persuna mħarrka tifhem l-intenzjoni ta' min ħarrikha u li tali tifsila ma tkunx ta' ħsara għall-imħarrek li jiddefendi lilu nnifsu mit-talba tal-attur.
>
> [...]
>
> il-kontestazzjoni dwar il-kontradittorjeta' tat-talbiet ma tintrabatx mas-sura tal-att ġudizzjarju. Il-qofol tad-diffikulta' li l-imħarrek il-ħin kollu jirreferi għaliha hu marbut essenzjalment mal-

> impossibilita' li ż-żewġ xenarji prospettati mill-atturi li fihom setgħet saret il-firma fuq it-testment jeliminaw il-waħda"

F'din is-sentenza l-Qorti kienet ikkonkludiet li "fit-tfassila tal-att taċ-ċitazzjoni ġiet imħarsa l-liġi, u ma jikkonkorrux l-estremi biex l-azzjoni titqies ma tiswiex".

Il-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fis-sentenza **Rosalinda Rita Portelli et vs. Carmen Portelli** (App. Civ. 34/2009) deċiża fil-5 t'Ottubru 2018 ittrattat eċċezzjoni ta' nullità rigward talbiet identiċi bħal dawk fil-kawża odjerna u jekk dawn għandhomx jiġu kkunsidrati bħala kontradittorji. Il-Qorti tal-Appell ma sabitx illi talba għal dikjarazzjoni ġudizzjarja li firma fuq testment hija falza jew mhux awtentika u talba sabiex jiġi dikjarat li t-testatur kien nieqes il-kapaċità mentali sabiex jagħmel testment joħolqu konflitt li jirrendi l-azzjoni nulla. Intqal hekk mill-Qorti tal-Appell:

> "15. It-tieni aggravju tal-konvenuta appellanti jirrigwarda l-fatt li l-ewwel qorti ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni (preliminari) tagħha li r-rikors ġuramentat huwa null minħabba l-allegata kontradittorjeta\` bejn **l-ewwel** u t-**tielet** talbiet. L-ewwel eċċezzjoni taqra hekk (sottolinear ta' din il-qorti):
>
> "*Illi preliminarjament, hemm l-irritwalita\` u konsegwenti nullita\` ta' dan ir-rikors ġuramentat minħabba kontradittorjeta\` fit-talbiet attriċi. Dan għaliex l-attriċi qegħda <u>fuq naħa</u> taġixxi billi ssostni li l-firma tat-testatur li hemm fuq it-testment tas-sebgħa (7) ta' Frar 2009 hija waħda falza, <u>fl-istess waqt</u> qed issostni li t-testatur kien preżenti waqt li sar dan it-testment iżda ma kienx jippossjedi l-fakoltajiet mentali kollha, u <u>di piu\` imbagħad</u> tgħid ukoll li t-testatur kien imġiegħel jagħmel it-testment permezz ta' allegat qerq da parti tal-esponenti. Dan jimporta kunflitt u iktar minn kontradittorjeta\` waħda gravi bejn l-ewwel talba u t-tielet talba*

*ta' dan ir-rikors ġuramentat, liema kunflitti jġibu n-nullita` tal-istess rikors."*

16. L-ewwel u t-tielet talbiet, li fuqhom hija bbażata din l-eċċezzjoni jaqraw hekk (sottolinear ta' din il-qorti):

"*(1) Tiddikjara falza l-firma tat-testatur li hemm fuq it-testment hawn fuq imsemmi li jiġib id-data tas-sebgħa (7) ta' Frar elfejn u disgħa (2009), atti Nutar Anthony Hili;*

...

*(3) Subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-ewwel żewġ talbiet, tiddikjara li meta sar it-testment tas-7 ta' Frar 2009 fl-atti tan-Nutar Anthony Hili, l-imsemmi Saviour Portelli ma kienx jippossjedi l-fakoltajiet mentali tiegħu b'mod li ma setax japprezza dak li qiegħed jagħmel u/jew kien priv mill-volonta` libera tiegħu minħabba l-pressjoni prattikata fuqu mill-konvenuta Carmen Portelli li ġie mġiegħel minnha jagħmel testment, u ġie indott bil-qerq jaqta' lill-attriċi bint unika tiegħu mill-wirt tiegħu, u jagħmel lilha konvenuta eredi universali u proprjetarja assoluta ta' ġidu kollu.*"

17. Għaldaqstant il-kontradittorjeta` allegata mill-konvenuta tirrigwarda s-segwenti tlett xenarji kontemplati u allegati mill-attriċi appellata, u cioe:

(1) il-falsita` tal-firma fuq it-testment (cioe` l-firma fuq it-testment ma saritx minn Saviour Portelli);

(3a) in-nuqqas ta' kapaċita` mentali tat-testatur (cioe` l-firma saret minn Saviour Portelli iżda ma huwa ma kienx *sanis mentis*):

(3b) in-nuqqas ta' volonta` libera tat-testatur (cioe` l-firma saret minn Saviour Portelli li għalkemm kien *sanis mentis* iffirma għaliex saret pressjoni fuqu u kien ukoll imqarraq).

18. B'riferenza għall-allegata kontradizzjoni bejn l-ewwel u t-tielet talbiet din il-qorti tagħmel riferenza għall-kawża fl-ismijiet **Anthony Scerri et vs Richard Gauci**, u partikolarment id-deċiżjoni parzjali tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tat-28 ta' Novembru 2002. (Fil-fatt l-attriċi appellata fil-11 ta' Ġunju 2018 ippreżentat nota li fiha għamlet riferenza għal din il-kawża partikolari). F'din il-kawża l-atturi kienu talbu li tiġi dikjarata n-nullita` ta' testment (i) minħabba li l-firma fuqu hija falza, u wkoll (ii) minħabba nuqqas u/jew vizzju tal-kunsens tal-volonta` tat-testatur. Il-konvenut qajjem l-eċċezzjoni preliminari li l-kawża hija nulla għaliex il-kawżali u t-talbiet huma kontradittorji. Il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili kienet ċaħdet l-imsemmija eċċezzjoni preliminari. Hija irriteniet hekk:

*"Illi f'dan il-każ joħroġ ċar li l-ilment tal-imħarrek ma jaqax fil-parametri ta' nuqqas proċedurali imma wieħed sostantiv. Dan jingħad għaliex il-kontestazzjoni dwar il-kontradittorjeta' tat-talbiet ma tintrabatx mas-sura tal-att ġudizzjarju. Il-qofol tad-diffikulta' li l-imħarrek il-ħin kollu jirreferi għaliha hu marbut essenzjalment mal-impossibilita` li ż-żewġ xenarji prospettati mill-atturi li fihom setgħet saret il-firma fuq it-testment jeliminaw il-waħda lill-oħra. Dan huwa minnu u jistqarruh l-atturi nfushom, imma r-riżultat tal-waħda u tal-oħra, jekk debitament pruvat, iwassal għall-istess effett fuq it-testment: jiġifieri t-tħassir tiegħu. Jekk dan l-argument jagħti id aktar b'saħħitha lill-imħarrek biex iżidha mad-difiża tiegħu fil-mertu, ma jġibx ukoll li b'daqshekk l-azzjoni attriċi ma tiswiex;"*

19. Għandu jingħad ukoll illi għalkemm it-tielet talba fiha nfisha tikkontempla żewġ kawżali differenti (li Saviour Portelli kien *sanis mentis* u wkoll li ma kienx *sanis mentis*) ma jfissirx li tali kawżali ma jistgħux ikunu kompatibbli għal xulxin. F'dan ir-rigward issir riferenza għal deċiżjoni riċenti mogħtija minn din il-

qorti fil-kawża **Lorenza Bonnici et vs Maria Dolores Mifsud et** (2 ta' Marzu 2018) fejn ġie ritenut hekk:

*"L-ewwel Qorti kkummentat illi ż-żewġ kawżali huma opposti għal xulxin in kwantu l-ewwel waħda hija bbażata fuq l-allegazzjoni tal-inkapaċita, filwaqt li t-tieni waħda tippresupponi li kienet kapaċi tagħmel testment (libertas testandi) iżda kienet kondizzjonata……*

*Għalkemm il-kawżali ta' theddid tippresupponi l-kapaċita` tat-testatriċi li tagħmel testment, jibqa' l-fatt li fin-nuqqas li tiġi verifikata l-allegazzjoni tad-dimensja (ossia inkapaċita` mentali assoluta) fil-mument li ġie redatt it-testment, xorta waħda jista' jirriżulta indeboliment mentali u/jew fiżiku li seta' rrenda l-pożizzjoni tat-testatriċi aktar suxxettibbli għal theddid. Jidher li kien f'dan l-ispirtu li l-ewwel Qorti minkejja li kkummentat li l-kawżali huma "opposti" għal xulxin, qisithom sanabbli u kompatibbli tant li qisithom it-tnejn alternattivi għal xulxin."*

Il-qofol tat-talbiet attriċi huwa l-allegazzjoni tal-atturi illi d-decujus ma kelliex il-fakoltajiet mentali sabiex tkun tista' tagħmel testment. F'dan is-sens għandha tinftiehem l-ewwel talba attriċi u l-Qorti ma tara l-ebda kontradizzjoni bil-mod kif ġiet postulata. Anke jekk għas-saħħa tal-argument jiġi kkonsidrat illi fl-ewwel talba tagħhom l-atturi qed jitolbu li ma kenitx id-decujus li ffirmat it-testment sigriet; tali talba ma hiex inkompatibbli mat-talbiet segwenti illi d-decujus ma kelliex il-fakolta' mentali li taghmel testment. Jekk jirriżulta li d-decujus kienet inkapaċi mentalment li tagħmel testment; sew jekk it-testment ġie minnha ffirmat sew jekk le; is-sejbien tal-inkapaċita' mentali jwassal għall-istess konklużżjoni, u ċioe' li t-testment hu null; salv konsiderazzjonijiet oħra li mhux il-waqt li jiġu trattati.

Għaldaqstant il-Qorti tikkonkludi illi l-ewwel eċċezzjoni preliminari ma hiex fondata peress li l-att promotur ma hux null.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi **tiċħad** l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta bl-ispejjeż kontra tagħha.

Tordna l-prosegwiment tal-kawża.

**Moqrija.**

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**
24 ta' Frar 2022

**Lydia Ellul**
**Deputat Reġistratur**